MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 182/2009

**Go p.l.c.
(C -22334)**

**vs**

**Mario Farrugia
(I.D. 241461M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' erba' mija u zewg ewro u wiehed u tmenin centezmu (€402.81), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2165585 (u b'digriet tat-23 ta' Lulju, 2009 in-numru tat-telefon gie rrangat ghal 21465585), skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mis-27 ta' Marzu, 2006 kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut deher ghas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2010, izda baqa' ma prezentax risposta entro t-terminu tal-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u zewg ewro u wiehed u tmenin centezmi (€402.81), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------